**25 ta' Mejju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Vahmour Borg ne.

*versus*

Major Alfred Calascione, M.B.E. ne.

**Danni — Klawsola ta' Eżoneru — Lokazzjoni d'Opera — Mandat — Depożitu — "Cold Stores" — Art. 2001, 2002, u 1976 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Min, fil-waqt li jaċċetta li jżomm fil-"cold stores" tiegħu merkanzija biex tiġi konservata fi stat tajjeb, jassumi espressament di fronti għall-parti l-oħra li jżomm it-temperatura meħtieġa għal dik il-konservazzjoni, u fil-fatt dik it-temperatura ma jżommhiex u l-merkanzija tiġrilha l-ħsara, huwa responsabbli għad-danni konsegwenti għal din l-inadempjenza; u mir-responsabbiltà għal dawn id-danni huwa ma jistgħax jeħles billi fl-irċevuta li huwa jirrilaxxja wara l-ftehim ikun hemm il-klawsola ta' eżoneru. Għax il-ftehim jeskludi l-operazzjoni ta' dik il-klawsola.*

*Imma anki mingħajr dak il-ftehim, xorta waħda dik il-klawsola ma tiswiex; għax hu jirrispondi għad-danni la darba dawn ikunu ġraw b'xi att volontarju u konsapevoli tiegħu li jammonta għal dolo jew għal dak il-grad ta' kolpa li l-liġi tirrikjedi fl-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni li huwa assuma.*

*Il-kuntratt li bih sid il-"cold stores" jassumi li jikkustodixxi u jikkonserva l-merkanzija fil-"cold stores" mhuwiex kuntratt ta' mandat, u lanqas ta' sempliċi depożitu; imma huwa kuntratt ta' lokazzjoni d'opera. Verament, stante li l-obligazzjoni tal-kustodja u konservazzjoni tal-merkanzija tieħdet b'kumpens, id-distinzjoni bejn mandat u depożitu minn banda waħda u lokazzjoni d'opera mill-banda l-oħra ma għandhiex importanza biex tiddetermina l-grad ta' diliġenza li hu meħtieġ fil-konservazzjoni tal-merkanzija; u tibqa' dejjem li sid il-"cold stores" kien obligat li jikkustodixxi u jikkonserva l-merkanzija b'dik id-diliġenza teknika normali li hi proprija għall-industrija tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi fit-13 ta' Awissu 1955 ġew imdaħħlin għand il-konvenut nomine 2102 kaxxi lanġas biex jiġu preżervati fil-"cold storage" bħala depożitu kontra l-ħlas ta' kumpens; u li minħabba nuqqas ta' kura u jew ineffiċjenza u/jew għal raġunijiet oħra mputabbli lill-istess konvenut nomine, lill-istess frott ġratlu ħsara kbira u ma għadux merkantili, b'dannu tal-istess attur; talab illi l-istess konvenut nomine jiġi dikjarat responsabbli lejh tad-danni fuq riferiti, u jiġi kundannat iħallas lilu nomine, in linea ta' danni, dak l-ammont li jiġi likwidat; bl-ispejjeż;

*Omissis:*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li ssottometta:— 1. Illi l-kumpannija minnu rappreżentata mhix responsabbli tad-danni li l-attur jallega li ġraw fil-frott fuq imsemmi; 2. illi, mingħajr preġudizzju tal-ewwel eċċezzjoni, l-istess kumpannija hi eżonerata minn kull responsabbiltà, in bażi għall-klawsoli stampati fuq l-irċevuta rilaxxjata mill-istess kumpannija;

*Omissis;*

Tikkunsidra l-ewwelnett, dwar it-tieni eċċezzjoni;

Illi l-klawsoli tar-riċevuta li fuqhom il-konvenut jibbaża din l-eċċezzjoni huma:— (1) "Your acceptance of this notice will be deemed an acknowledgment of your acceptance of the condition set out below, and also that you will pay all rent and charges due": (2) "The Company will not be responsible for loss or damage due to any cause whatsoever, including fire, failure of machinery or plant, maintaining too high or low a temperature in the chambers, strikes, etc.";

Mill-provi jirriżulta konkludentement illi l-lanġas fil-kwistjoni kellu bżonn, biex jikkonserva ruħu fi stat tajjeb, li t-temperatura taċ-"chamber" li fiha ġie poġġut ma teċċedix it-38 grad F., u li l-konvenut, permezz tal-impjegati tiegħu, assuma espressament di fronti għall- attur nomine l-obligu li jżomm dik it-temperatura;

Ma jirriżultax b'ċertezza jekk l-imsemmija riċevuta bil-klawsola ta' eżoneru fuq riferita ġietx mogħtija lill-attur fil-waqt li sar il-ftehim — ftehim li sar bil-fomm — jew ġietx mibgħuta lilu wara; dan, iżda, fil-każ in ispeċje ma għandux importanza, għaliex il-ftehim jeskludi l-operazzjoni tal-klawsola billi nkonċiljabbli mal-kontenut tagħha; u d-dikjarazzjoni kontenuta fl-imsemmija riċevuta — att unilaterali tal-konvenut, minnu biss iffirmata — fis-sens li tirritjeni l-klawsola aċċettata jekk ir-riċevuta ma tiġix respinta, ma għandhiex valur, billi ħadd ma jista' jikkostitwixxi t-titolu tad-dritt tiegħu, jagħmel ruħu arbitru tal-volontà ta' ħadd ieħor;

Imma, anki kieku l-imsemmija klawsola kienet waħda minn klawsoli kontenuti f'kuntratt regolarment kostitwit, lanqas f'dak il-każ ma kien ikollha l-valur li teżonera lid-debitur mid-dolo, mill-kolpa gravi, ekwiparata għad-dolo, u mill-kolpa ljevi, li tiġi riskontrata meta jkun hemm ommissjoni ta' dak il-grad normali ta' diliġenza li l-liġi tirrikjedi fl-eżekuzzjoni ta' kull obligazzjoni in ġenere. Fi kliem ieħor, il-klawsola ta' irresponsabbiltà bħal dik in eżami ma teżimix mir-responsabbiltà meta jkun hemm vjolazzjoni ta' kuntratt jew ta' dover; u jekk jiġu stipulati espressament biex jeżoneraw mid-dolo u miż-żewġ gradi ta' kolpa fuq riferiti, ikunu nulli, billi kuntrarji għall-prinċipju ġenerali tal-morali, bażi tal-ordni publiku;

Għal dawn il-motivi, sewwa kkonkludew il-periti fl-elaborata relazzjoni tagħhom illi l-eċċezzjoni tal-konvenut nomine, li hu eżonerat minn kull responsabbiltà in bażi għall-klawsoli fuq riferiti ma tistgħax tiġi milqugħa. Non ostante dawk il-klawsoli, hu jirrispondi għad-danni jekk ġraw b'xi att volontarju u konsapevoli tiegħu li jammonta għal dolo jew għal dak il-grad ta' kolpa li l-liġi tirrikjedi fl-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni li assuma;

Il-kuntratt li bih il-konvenut nomine assuma li jikkustodixxi u jikkonserva fil-"cold stores" tiegħu l-lanġas fuq imsemmi mhux kuntratt ta' mandat, għaliex tonqos ir-rappreżentanza karatteristika tal-mandat; u lanqas ma hu kuntratt ta' sempliċi depożitu, għaliex fil-waqt li in massima d-depożitu ma jistgħax ikollu l-karattru kummer-

ċjali, il-konvenut nomine għamel, bil-kuntratt, operazzjoni kummerċjali b'kumpens proporzjonat bħala korrispettiv; u allura l-kuntratt li għamel mal-attur nomine hu dak ta' lokazzjoni d'opera. U difatti, dak il-kuntratt li bih kummerċjant jew industrijalist jeżerċita l-professjoni tiegħu billi jikkustodixxi oġġetti mhux kuntratt ta' depożitu, imma lokazzjoni d'opera;

Din id-distinzjoni, iżda, fil-każ preżenti lanqas ma għandha mportanza għad-determinazzjoni tal-grad ta' diliġenza li l-konvenut nomine kien tenut juża fl-eżekuzzjoni tal-obligazzjonijiet li assuma; l-għaliex anki kieku l-kuntratt kien ta' mandat jew ta' depożitu, il-grad ta' diliġenza li l-liġi kienet tirrikjedi minn għandu kien ikun l-istess;

Inveru, id-depożitarju għandu, fil-kustodja tal-ħaġa taħt depożitu, jieħu ħsieb daqs kemm jieħu fil-kustodja ta' ħwejġu (art. 2001 Kodiċi Ċivili). Din id-dispożizzjoni, però, tiġi applikata b'mod aktar sever meta jkun ftiehem li għandu jitħallas għall-kustodja tad-depożitu (art. 2002 (b) Kod. Ċiv.). F'dan il-każ għandu juża d-diliġenza li wieħed juża fl-eżekuzzjoni ta' kull obligazzjoni, jiġifieri dik ta' missier tajjeb tal-familja; għaliex f'dan il-każ tgħodd id-dispożizzjoni tas-sub-art. (1) tal-art. 1175 (art. 2002(2) Kod. Ċiv.); u dik id dispożizzjoni trid li d-diliġenza tkun ta' missier tajjeb tal-familja kif hemm fl-art. 1075, li jgħid illi jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja;

Id-depożitarju mela hu tenut in massima għal diliġenza minuri minn dik li jeżiġi in ġenerali l-art. 1175(1). Il-liġi hawn tirrestrinġi r-responsabbiltà tad-depożitarju għall-"culpa levis in concreto"; imma ċ-ċirkustanzi speċjali li fihom ikun sar id-depożitu jistgħu jaggravaw ir-responsabbiltà tad-depożitarju, u dawn huma ndikati fl-art. 2002(b) ġa fuq imsemmi, fosthom dak ġa aċċennat, meta jiġi stipulat kumpens għall-kustodja tad-depożitu; f'liema każ tirriprendi l-imperu tagħha r-regola posta mill-art. 1175, u d-depożitarju jkun tenut għall-kol-

pa li missier tajjeb tal-familja ma jikkommettix ("culpa levis in abstracto");

Din hi wkoll il-kolpa li għaliha jirrispondi l-mandatarju meta l-mandat ikun bi ħlas; għaliex ir-responsabbiltà tiegħu, kwantu għan-negliġenza, titqies b'mod anqas sever biss fil-każ meta l-mandat ikun bla ħlas (art. 1967(1) u (2) Kod. Ċiv.);

Il-mandatarju meta, għall-mandat bil-ħlas, u d-depożitarju kompensat għall-kustodja tad-depożitu, huma tenuti għall-"culpa levis in abstracto", dik, jiġifieri, derivanti minn nuqqas tal-użu tal-prudenza, diliġenza u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja; u din hi l-kolpa li għaliha jirrispondi l-konvenut fl-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni tiegħu naxxenti mill-kuntratt ta' lokazzjoni d'opera, mill-operazzjoni kummerċjali li, b'kumpens proporzjonat bħala korrispettiv, għamel mal-attur nomine. Il-konvenut jeżerċita l-"cold stores" fuq imsemmija, u kkuntratta mal-attur nomine li jikkustodilu u jikkonservalu, bi ħlas, il-lanġas fuq imsemmi f'dawk l-imħażen; u allura kien obligat li jikkustodixxi u jikkonserva dak il-lanġas b'dik id-diliġenza normali teknika li hi proprija tal-industrija tiegħu;

Mill-provi jirriżulta li l-konvenut nomine ma adempiex għal dan id-dover tiegħu; għaliex irriżulta, għar-raġunijiet indikati fl-imsemmija relazzjoni tal-periti, illi l-kawża tal-ħsara li ġrat fil-lanġas kienet indubbjament it-temperatura għolja li fiha ġie mqiegħed dak il-frott, aggravata mill-fatt ta' varjazzjoni ta' temperatura għat-tul ta' żmien, u anki minn nuqqas ta' ċirkolazzjoni tal-arja fl-ambjent — ċirkustanzi li għalihom kien responsabbli l-konvenut, għaliex jikkostitwixxu kontravvenzjonijiet għall-obligi li huma użwali fil-materja, u anki għal dawk li hu kien espressament assuma, kif ġa aktar il-fuq ingħad;

Il-periti ma eskludewx li seta' kien hemm "contributing factor" mill-istat tal-frott, prinċipalment minħabba ċ-ċirkustanzi li taħthom kien ivvjaġġa qabel ma ġie mdaħħal fil-"cold stores" tal-konvenut nomine; iżda qalu li dak il-fattur, jekk ikkontribwixxa, ma setgħax ikkontribwixxa

ħlief fi grad żgħir ħafna, għaliex, kif qalu, minn dak li rriżultalhom jistgħu jargumentaw b'sodezza li l-frott kien fi stat ta' maturazzjoni biżżejjed lura biex tippermettilu preservazzjoni tajba fil-"cold stores" kieku l-konvenut ikkonservah b'dik id-diliġenza li kienet fih doveruża skond il-liġi u skond il-ftehim; u kwindi l-periti kkonkludew illi, għalkemm il-maturazzjoni tal-lanġas setgħet ġiet, fi grad żgħir ħafna, influwenzata mill-imsemmija ċirkustanzi tal-vjaġġ, iżda dawn ma kkostitwewx fattur noċiv għall-frott miżmum kif xieraq f' "cold store", u kwindi l-kawża determinanti tal-ħsara kienet il-ħtija tal-konvenut nomine għarraġunijiet ġa fuq aċċennati. B'dan kollu, il-periti ma jonqsux kif qalu li sejrin jagħmlu, jieħdu in konsiderazzjoni l-imsemmi fattur estraneu li talvolta seta', anki minimament, ikkontribwixxa għall-ħsara meta jaslu biex jillikwidaw il-valur tad-danni sofferti mill-attur nomine għall-ħtija tal-konvenut nomine. Il-konvenut nomine fin-nota tiegħu ilmenta li l-periti ma stabbilewx il-grad tal-imsemmija kontributorjetà; iżda ma hemm xejn li jostakola li dan isir jekk għandu jsir, fl-istadju indikat mill-periti, jiġifieri meta jagħmlu l-likwidazzjoni tad-danni;

Għaldaqstant;

Respinti l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine;

Tiddeċidi għat-tenur tal-ewwel talba tal-attur nomine, billi tiddikiara li l-konvenut nomine hu responsabbli għall-ħsara li ġrat fil-frott fuq imsemmi depożitat fil-post imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, u tibgħat lura l-inkartament tal-proċess lill-periti sabiex jipproċedu għal-likwidazzjoni tal-valur tad-danni li l-konvenut nomine għandu jħallas lill-attur nomine, meħuda in konsiderazzjoni kull ċirkustanza li setgħet talvolta kkontribwiet għall-ħsara li ġrat fil-frott u li ecċekken is-somma dovuta mill-konvenut nomine;

Id-deċiżjoni tal-ispejjeż tibqa' riżervata għas-sentenza finali.